**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 29 ta' Marzu, 2017**

**Rikors nru: 370/2014 MLF**

**Clayton Vella u**
**Robert Borg**

**vs**

**Rita Zammit**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tal-atturi fejn talbu li l-konvenuta tigi kkundannata tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tal-ispejjez tar-rikorrent u x-xoghol kollu taghhom flimkien ma' somma li tigi meqjusa minn din il-Qorti a tenur tal-artikolu 1640(2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti xoghol ta' appalt li sar fuq inkarigu taghha fil-fond Milestone House, Triq Mondion, Fgura. Dan l-appalt kien gie terminat minnha minghajr raguni valida.

Ai fini ta' kompetenza gie dikjarat illi l-ammont mitlub ma jeccedix hamest elef Euro (€5,000).

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuta in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Rita Zammit fejn *inter alia* eccepiet preliminarjament:

1. Illi, preliminarjament, din l-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza *ratione valoris* rikjesta sabiex tiddermina t-talba tar-rikorrenti stante illi tali talba hija ghall-kundanna ta' hlas ta' ammont *da liquidarsi*, u ghaldaqstant ghall-kundanna ta' hlas ta' ammont incert u/jew indeterminat a tenur, *inter* alia, tad-dettami tal-Artikolu 747(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, din l-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza rikjesta sabiex tiddermina l-vertenza odjerna, u dan in vista tal-fatt illi d-determinazzjoni tat-talba tar-rikorrenti hija necessarjament dipendenti fuq dikjarazzjoni ta' jekk kinitx tezisti raguni valida, *o meno*, ghall-hall tal-kuntratt ta' appalt in kwistjoni, liema determinazzjoni, fil-verita', hija l-qofol tal-azzjoni kollha tar-rikorrenti u ghandha valur incert u/jew indeterminat a tenur tal-Artikolu 747(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

B'digriet tat-13 ta' April 2015,[1] din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenuta li l-ewwel jigu decizi dawn iz-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u r-replika tal-konvenuta;

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Dina hija sentenza parzjali fejn se jigu ikkunsidrati biss l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta.

[1] Ara verbal a fol. 8 tal-process.

*L-Ewwel Eccezzjoni – Nuqqas ta' Kompetenza ta' din il-Qorti ratione valoris*

F'din l-ewwel eccezzjoni taghha, il-konvenuta qed teccepixxi illi din il-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza *ratione valoris* rikjesta sabiex tiddermina t-talba attrici stante illi tali talba hija ghall-kundanna ta' hlas ta' ammont mhux illikwidat u dan ai termini tal-Artikolu 747(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-atturi jirribadixxu li din il-Qorti hija kompetenti ghax ghalkemm l-ammont ghadu mhux determinat u mhux illikwidat, l-atturi ddikjaraw fl-avviz illi l-ammont mitlub minnhom ma jeccedix €5,000.

L-Artikolu 747 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi hekk :

*« Il-valur inċert jew indeterminat, jitqies dejjem li jaqbeż il-kompetenza tal-qorti ta' ġurisdizzjoni limitata."*

Il-konvenuta tissottometti li l-kelma « dejjem » fl-artikolu fuq citat ghandha tipprevali fuq il-fatt li l-atturi fl-avviz promotur iddikjaraw illi l-ammont da liquidarsi ma jeccedix is-somma ta' €5,000.

Kaz simili ghal dak odjern huwa dak deciz mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] fis-sentenza **Maresco (Trading) Limited vs San Lawrenz Leisure Resort Limited**, deciza fit-22 ta' Marzu 2006, li wkoll kienet tittratta *inter alia* il-kompetenza ta' din il-Qorti fuq kontrotalba ghal ammont li kien ghad irid jigi likwidat, li pero l-konvenut illimitaw it-talba taghhom ghad-danni ghall-ammont ta' €5,000. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk : *«... ... (K)if sewwa rilevat mill-ewwel Qorti, il-fatt li socjeta` appellanti nnifsiha illimitat d-danni pretizi sa l-ammont li jaqa' fil-kompetenza ta' dik il-Qorti dan kien logikament iwassal*

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*biex dik il-Qorti tkun hekk kompetenti li tiehu konjizzjoni, u tiddeciedi wkoll, kemm it-talba principali kif ukoll il-kontro-talba in bazi ghal valur tat-talbiet reciproci. Dejjem imbaghad ghandu jinzamm in vista illi l-eccezzjoni hi wahda kollegata mal-valur tal-kawza u mhux ukoll mal-materja taghha;"*

L-istess insenjament gie ribadit fis-sentenza **Snoop Company Limited vs Blye Engineering Company Limited**, deciza fl-24 ta' Settembru 2014, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"L-artikolu 748 tal-Kapitolu 12 jitkellem dwar dan meta jinghad:*

*Il-valur tal-oġġett fil-kawża hu determinat mit-talba-*

*(a) meta t-talba hija għall-ħlas ta' somma determinata;*

*(b) meta t-talba hija għall-ħaġa li l-valur tagħha hu determinat fit-titolu li jagħti kawża għall-azzjoni, jew f'xi kitba oħra li torbot lill-partijiet, jew bil-fehma ta' kulħadd, jew bil-prezz kurrenti.*

*Isewgi jiddisponi l-artikolu 761:*

*"Fil-każijiet kollha mhux ikkontemplati fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, il-valur inċert jista' jiġi determinat bi stima ta' periti jew b'dikjarazzjoni tal-attur li huwa lest biex jaċċetta somma ta' flus minflok il-ħaġa li jkun hemm kwistjoni fuqha."*

*Dina id-disposizzjoni tal-ligi ghalhekk tittalja perfettament mal-kaz in dizamina billi is-socjeta rikorrenti issa appellanti iddikjarat illi t-talba taghha ghad-danni hija limitata ghall-ammont ta' €10000, u dana ghalkemm mill-valutazzjoni ekonomika maghmula minnha l-ammont tad-danni ilahhqu ghal hafna iktar."*

Il-konvenuta tissottometti li l-artikolu 761 mhux applikabbli ghal kaz odjern stante li l-fatt li skond dan l-artikolu il-valur incert jista jigi determinat *« b'dikjarazzjoni tal-attur li huwa lest biex jaccetta somma ta' flus minflok il-haga li jkun hemm kwistjoni fuqha »*, jimplika li jrid

[3] *Per* Imhallef Edwina Grima.

jkun hemm kwistjoni dwar xi « haga » li m'hijiex somma flus. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti dan huwa sofizmu. Mill-avviz u anke mir-risposta jirrizulta li « l-haga » li kien hemm kwistjoni fuqha kien kuntratt ta' appalt, u l-atturi qed jitolbu l-hlas tax-xoghol li lahqu ghamlu bazi ta' dan il-kuntratt, li skond huma gie terminat mill-konvenuta minghajr raguni valida. Naturalment, kemm-il darba t-talba tal-atturi tirrizulta gustifikata, l-ammont lilhom dovut jista' dejjem jigi determinat permezz ta' perit nominat minn din il-Qorti.

Pero, l-konvenuta issottomettiet ukoll li l-incertezza u n-nuqqas ta' determinazzjoni tal-ammont reklamat mill-atturi jimplika illi effettivament, l-ammont jista' talvolta jkun jispetta lill-atturi, fil-fatt jaqa' *entro* l-parametri tal-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-Artikolu 3(2) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, kif kien meta gie intavolat l-avviz odjern, kien jippreskrivi hekk :
*« Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn tliet elef u erba' mija u disghin Euro u sitt centezmi (3,494.06). »*

Min-naha l-ohra l-Artikolu 56A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jippreskrivi illi :
*« Minkejja kull disposizzjoni ta' dan il-Kodici, l-qrati inferjuri ma ghandhomx jiehdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar imwaqqaf taht l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar. »*

L-atturi qed jilqghu ghal din is-sottomissjoni billi jargumentaw li l-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar hija ghal hekk imsejjha *« money claims »*. Hu pacifiku bejn il-partijiet li l-kwistjoni odjerna tinvolvi decizjoni dwar jekk it-terminazzjoni tal-appalt kienetx wahda gusta – mertu li skond l-atturi jezorbita mill-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Pero fis-sentenza **Paul Caruana et vs Norman Connell et**, deciza fil-25 ta' Frar 2004, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[4] irriteniet hekk: *"Fl-ewwel lok il-Qorti ma tarax kif l-appellanti jistghu jsostnu s-sottomissjoni generika illi ghax imsejjah biex jinterpreta kuntratt ta' ftehim, allura t-Tribunal ma ghandux kompetenza. Din il-limitazzjoni ma hi bl-ebda mod bazata fil-ligi. Certament, fil-limiti tal-kompetenza tieghu, t-Tribunal kien hieles li jinterpreta ftehim ghall-finijiet tad-determinazzjoni tal-vertenza jew biex jara jekk jikkonkorrux ragunijiet li jiggustifikaw, jew le, il-kompetenza tieghu. Dan avut rigward tal-materja, valur u grad."*

L-istess insenjament insibuh fis-sentenza **Publius Micallef vs Sunroute Company Ltd** deciza fl-20 t'Ottubru 2003, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[5] irriteniet hekk:
*"L-Artikolu 3(2) tal-Att tal-1995 li holoq it-Tribunal ghal Talbiet Zghar jippreciza li t-Tribunal hu vestit bil-gurisdizzjoni "biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont mhux izjed minn elf u hames mitt lira Maltija". Jipprovdi, mbaghad, fis-subparagrafu (5) tal-istess Artikolu 3 ghal dawk il-kwestjonijiet li jesorbitaw mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal.*

*Imkien l-Att precitat ma jirrestringi l-gurisdizzjoni tat-Tribunal ma' kumplikazzjonijiet o meno tal-meritu tal-kaz specifiku. U allura la dan ma jinghadx espressament fl-Att, il-vera intenzjoni tal-legislatur ma tistax hlief tigi ricerkata mil-ligi nnifisha. ... ...*

*Fil-kaz prezenti d-difiza tas-socjeta` appellanti hi arginata entro l-konsiderazzjoni illi l-appellat kien abbanduna l-impjieg ghal zmien definit. Ghas-socjeta` appellanti din id-difiza ghandha per se tibbasta biex jaghmel mill-kaz kwestjoni kumplikata li tesula l-gurisdizzjoni tat-Tribunal.*

[4] *Per* Imhallef Philip Sciberras
[5] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*Din il-Qorti ma tikkondividix dan ir-ragjonament. Il-kwestjoni dwar jekk il-materja hijiex wahda ta' licenzjament jew ta' abbandun hi wahda ta' provi u tal-apprezzament dwarhom. Kwestjoni bhal din ma tistax tahrab la l-attenzjoni u wisq anqas il-gurisdizzjoni tat-Tribunal adit biex jindaga dwarha.*

*Jekk kull meta tinsorgi materja ta' din ix-xorta l-Gudikatur jaqa' fuq l-iskappatoja ta' kemm hu innifsu jqis il-materja ta' natura kumplikata biex b'hekk jiddeklina milli jitrattaha u jiggudikaha jkun tabilhaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, qieghed b'mod semplicistiku jabdika mid-doveri tieghu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess ligi li kkrejat it-Tribunal specjali. Tali affermazzjonijiet leggeri jew pronunzjamenti spiccjattivi la ghandhom jigu konsentiti u wisq anqas lodati jew segwiti.*

*Kien ghalhekk ghal kollox korrett it-Tribunal adit li ma akkoljiex l-eccezzjoni sollevata. Ragjonevolment din il-Qorti ma tarax ghalhekk kif il-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal tista' titqies legalment vizzjata."*

In forza ta' dan l-insenjament, it-Tribunal ghat-Talbiet iz-Zghar ikun kompetenti li jisma' u jiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna jekk l-ammont pretiz mill-atturi ma jeccedix il-kompetenza tieghu *ratione valoris* ta' €3,494.06.

Huwa rilevanti li fil-kawza **Maresco (Trading) Limited vs San Lawrenz Leisure Resort Limited** fuq citata, is-socjeta konvenuta kienet ghamlet is-segwenti dikjarazzjoni fil-kontro-talba taghha : *« Ghal finijiet ta' kompetenza jigi ddikjarat illi l-pretesjonijiet tas-socjeta' konvenuta jeccedu l-elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) izda ma jeccedux il-hames t'elef lira Maltin (Lm5,000)."*

Fil-kaz odjern, ghalkemm l-atturi iddikjaraw fl-avviz li l-ammont minnhom pretiz ma jeccedix is-somma ta' €5,000 u ghalhekk *prima facie* jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti, pero' naqsu li jiddikjaraw li l-ammont minnhom pretiz jeccedi is-somma ta' €3,494.06, u konsegwentement l-ammont ma' jaqax fil-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

Fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, u fin-nuqqas ta' provi ohra li jindikaw x'inhu l-ammont pretiz mill-atturi, din il-Qorti ma tistghax teskludi li jekk ghall-grazzja tal-argument biss, t-talba tal-atturi tigi milqugha, l-ammont li jigi likwidat favur taghhom, jkun inqas minn

€3,494.06, u li konsegwentement din il-Qorti hija projbita milli tiehu konjizzjoni tat-talba attrici ai termini tal-Artikolu 56A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Pero, la darba t-talba kif dedotta tghid li l-ammont pretiz ma jeccedix is-somma ta' €5,000, din il-Qorti tibqa' kompetenti li tisma l-kawza odjerna. Fl-eventwalita' li l-ammont finalment likwidat favur l-atturi ikun jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ghat-Talbiet Zghar, ghandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez (Ara b'analogija is-sentenza **Giuseppe Gatt vs Carmelo Mifsud** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fl-4 ta' Novembru 1963.

Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

*It-Tieni Eccezzjoni – l-Inkompetenza ta' din il-Qorti li tiddeciedi jekk kienx hemm raguni valida o meno ghat-terminazzjoni tal-appalt*

Fit-tieni eccezzjoni taghha, l-konvenuta tissottometti illi din l-Qorti m'ghandhiex il-kompetenza rikjesta sabiex tiddermina l-vertenza odjerna, u dan in vista tal-fatt illi d-determinazzjoni tat-talba tar-rikorrenti hija necessarjament dipendenti fuq dikjarazzjoni ta' jekk kinitx tezisti raguni valida, *o meno*, ghall-hall tal-kuntratt ta' appalt in kwistjoni, liema determinazzjoni, fil-verita', hija l-qofol tal-azzjoni kollha tar-rikorrenti u ghandha valur incert u/jew indeterminat a tenur tal-Artikolu 747(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minn dak li setghet tifhem din il-Qorti minn kif inhi redatta din l-eccezzjoni, il-konvenuta qed tissottometti li din il-Qorti m'hix kompetenti tiddeciedi dwar il-validita' o meno tat-terminazzjoni tal-appalt.

Din is-sottomissjoni hija manifestament legalment infondata. Fil-fatt, fis-sentenza taghha **Paul Borg et vs. Jane Vassallo** deciza fil-15 ta' Dicembru 2003, il-Qorti tal-Appell (sede

Inferjuri)[6] irriteniet illi *"fil-limiti tal-gurisdizzjoni taghhom l-qrati inferjuri huma hielsa li jissindikaw il-validita` jew ksur ta' kuntratt ("***Carmel Axiaq –vs- Luigi Cassar***", Appell, 28 ta' Frar 1997)."*

L-istess ragunament tal-Qorti tal-Appell fuq il-kompetenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sentenza **Publius Micallef vs Sunroute Company Ltd.** fuq citata, japplika *mutatis mutandis* ghal din il-Qorti.

Il-fatt li implicitament fit-talba taghhom, l-atturi qed jitolbu ukoll dikjarazzjoni li l-appalt gie terminat mill-konvenuta minghajr raguni valida, ma jfissirx li l-kwistjoni tezorbita mill-kompetenza ta' din il-Qorti.

Sabiex din il-Qorti tkun inkompetenti *ratione materiae*, l-eccezzjoni tal-konvenuta trid tinkwadra ruhha taht is-subinciz 3 tal-Artikolu 47. Kjarament, dan mhux il-kaz.

Rigward il-kumplament ta' din it-tieni eccezzjoni, dan hu repetizzjoni tal-ewwel eccezzjoni, u kif diga inghad aktar il-fuq din l-ewwel eccezzjoni se tigi michuda.

Fid-dawl tas-suespost anke din it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuta qieghda tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet preliminari tal-konvenuta, bl-ispejjez kontra taghha.

Il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

[6] *Per* Imhallef Dott. Philip Sciberras.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**

**Deputat Registratur**